Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-13 t'April 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**
**vs**

**John Baptist Bilocca**
**(216456M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat John Baptist Bilocca, iben Ferdinando u Emilia nee' Cachia, imwieled Zurrieq, nhar l-20 ta' Marzu 1956, residenti 7, Santa Marija, Triq Bir Miftuh, Gudja, bil-karta tal-identita numru 216456M.

Akkuzat bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-gzejjer, f'Marzu 2018:

1. Talab xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. In-konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalih hu ma kellux jedd.

3. Sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi u liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b'abbuz ta' awtorita'.

4. Talli rrenda ruhhu recediv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definnitiva u li ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti intalbet sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex minbarra li tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-22 t'Ottubru 2020, (esebiti *a fol*. 301 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 121A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15(1)(a) u 15(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 112 u 113 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 119 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jibqa' jinstemgha minn din il-Qorti hekk preseduta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' Manuel Tonna, Carmen Cutajar, Moira Coppola, Joseph Howard, PS251 Christian Abela, Alexia Vella, PC 1535 Sean Spiteri, Joanne Vassallo, PC 878 Jurgen Muscat, Marisa Gauci, l-iSpettur Yvonne Farrugia, Keith Cutajar, Matthew Fleri Soler u Dr Anthony Zahra.

Rat illi fit-2 ta' Frar 2023, l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontra tieghu fis-seduta tat- 2 ta' Frar 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi Manuel Tonna xehed illi l-Pulizija kienu baghtu ghalih biex jinterrogawh. Hu kellu partner Moira Coppola, u ommha, Vivienne Spiteri, kienet l-isptar Mater Dei u t-tobba qalulhom li kellha dementia u kienu ser jzommuha l-isptar sakemm jsibulha home, peress illi ma' setghetx tghix wehedha. Hu beda jkellem hafna nies u mar kwazi ghand il-Ministri kollha biex jirrangalha biex tidhol San Vincenz, sakemm kien hemm persuna li tah in-numru ta' John Bilocca, li gharaf fl-awla bhala l-imputat u cempillu. Ix-xhud iltaqa' mieghu fis-sala 9 ta' Mater Dei, fejn kienet il-kunjata tieghu u ftehmu biex jiltaqghu filghaxija l-Gudja biex jitkellmu. Filghaxija mar mat-tfajla tieghu Moira, l-Gudja hdejn il-gnien u iltaqghu ma' Johnny, fejn saqsa lil gharusa tieghu kemm kienu ahwa u meta qaltlu li kienu erba' talabhom mija u hamsin Euro kull wiehed. Huma ma' kienux accetaw, ghax ma' kellhomx flus minn fejn ihallsu u qallulu 'halliha fejn hi' u wara gimghatejn spiccat Casa Serena. Ix-xhud qal li meta mar jkellem lil tal-anzjani, qallulu li ma' kienx hemm cans li tmur San Vincenz, u x-xhud wiegeb illi jekk ihallas sitt mija hemm cans ghax daqshekk talbuh, u b'hekk spicca interrogat id-depot.

Illi fil-11 ta' Ottubru 2018 xehdet Carmen Ciantar, Chief of Staff fil-Ministeru tas-Sahha, l-ufficju tad-Deputat Prim Ministru. Hi kienet irceviet telefonata minghand id-Deputat Prim Ministru, li seta' kien hemm xi abbuz ta' poter min-naha taghhom peress illi kien ircieva kommunikazzjoni minghand is-Segretarju Parlamentari Anthony Agius Decelis. Hi cemplet lil Joseph Howard, Customer care, li kien qalilha li kien mar jkellmu Emanuel Tonna, fejn qallu li l-partner tieghu intalbet il-flus biex tinghata l-ghajnuna, biex ddahal persuna go dar tal-anzjani. Kif sar jaf hekk id-Deputat Prim Ministru qalilha biex taghmel rapport mal-Pulizija. Meta saret taf illi kien ser jitressaq il-Qorti, hi infurmat lil Bilocca, li gharfet fl-awla bhala l-imputat, li l-kuntratt tieghu li kien immarkat DC1 *a fol.* 39, bhala impjegat *part time* kien qed jigi tterminat. Xoghol l-imputat kien bhala customer care, u kellu position of trust mal-Ministeru tas-Sahha, kellu paga ta' scale 10 u l-paga tieghu kienet pro rata, bbazata fuq 15 il-siegha fil-gimgha, ta' €21,000.

Illi xehdet Moira Copolla,fejn qalet li ommha Victoria Spiteri, kien hassha hazin u spiccat l-isptar xi tlett xhur qabel, u it-tobba kienu qalulhom li kellha bzonn tmur f'*home* ghax kellha dimentia u ma' kinitx ta' wehedha. Huma xtaqu jdahhluha San Vincenz ghax hemm kien addatat ghaliha.

Ghamlulha applikazzjoni u bdiet tghinhom social worker li qaltilhom li sakemm jkun hemm post San Vincenz tista' tmur x'imkien iehor. Manuel, il-partner taghha, ltaqa' ma' persuna li qallu li jaf b'persuna, Bilocca, li forsi jirrangalhom. Manuel kien kellem lil John Bilocca, li gharfet fl-awla bhala l-imputat, u ftehmu li jiltaqghu l-Gudja, faccata tad-dar tieghu. L-ewwel darba li ratu kien meta marret ma' Manuel biex jiltaqghu mieghu filghaxija l-Gudja. Manuel kien iltaqa' mieghu xi darbtejn qabel Mater Dei, ghax kienu marru flimkien jaraw lill Mama. L-imputat kien saqsieha kemm kienu ahwa, u talabha sitt mitt Euro biex jdahhalha San Vincenz. Hi qaltlu li ma' tahsibx li hutha kienu ser jaccettaw u qalilha biex tiddiskutiha ma' hutha. Saqsieha jekk kellhiex xi flus id-dar jew bini u hi qaltlu le u ftehmu li taghtih risposta. Hi ma' regghetx ratu wara dakinhar, u xtaqet li l-mama tidhol San Vincenz minghajr ma' thallas il-flus. Illum il-gurnata ommha kienet Casa Serena minghajr ma' halset il-flus.

Illi fl-24 ta' Jannar 2019, xehed Joseph Howard, head tal-customer care fis-segretarjat tal-anzjani u dizabilita', fejn qal li fis-16 ta' April 2018 kien mar l-ufficju Emanuel Tonna sabiex jitlob relocation ta' anzjana Victoria Spiteri biex tmur San Vincenz de Paule u ghamel l-applikazzjoni. Hu ma kienx prezenti meta Tonna ghamel din l-allegazzjoni, imma kien qal lil persuni ohra fil-customer care u wara li ghadda l-informazzjoni lis-segretarju parlamentarju, hu baghat ghal Emanuel Tonna, li kien mar l-ufficju fit-23 ta' April 2018. Tonna mar l-ufficju ma' Vivienne Spiteri, li hi t-tifla ta' Victoria Spiteri u qallu li Vivienne u hutha intalbu €150 kull wiehed, total ta' €600 biex ssir relocation t'anzjana li kienet f'home u riedet tmur f'home ohra. Normalment ssir applikazzjoni u kif jkun hemm post fil-*home* ssir relocation. Ghall-ewwel Tonna ma' riedx jghidlu min kienet il-persuna li talbitu l-flus, izda hu baqa' jinsisti mieghu biex jghidlu, sakemm qallu li kien John Bilocca mill-Gudja. Hu ma' kienx jafu lil John Bilocca, izda sar jaf illi kien jahdem mad-dipartiment tas-sahha. Hu kien talab lil djar tal-anzjani ohra informazzjoni, jekk kienx hemm rikjesta dwar soddod battala sabiex jintlew minghajr il-procedura normali, u kien irrizulta li Bilocca kien talab taghrif dwar soddod battala, imma ma' kienx hemm allegazzjonijiet. Ix-xhud nforma lis-Segretarju Parlamentari u lil Pulizija.

Illi xehed PS251 Christian Abela, fejn qal li kien prezenti meta ittiehdet l-istqarrija tal-imputat fl-4 ta' Mejju 2018. Fil-fatt gharaf il-firma tieghu, tal-ispettur Farrugia u ta' Bilocca, li gharaf fl-awla, fuq Dok DC3 *a fol.* 44 li hija ir-rifjut ghad-dritt tal-avukat u Dok DC4 *a fol.* 45 li hija l-istqarrija. Hu

kien inghata struzzjonijiet mill-iSpettur Yvonne Farrugia biex jaghmel kuntatt mal-Active Ageing And Community Care gewwa Hal Qormi u kien tkellem ma' Alexia Vella li ghaddietlu l-file ta' Victoria Spiteri. Dok DC12 u Dok DC11 hija l-ircevuta li kien gabar il-file li kiteb hu, u gharaf il-firma tieghu. Hu kien talab lil Alexia Vella il-procedura li ssir biex persuna tigi trasferita minn dar tal-anzjani ghal ohra, u li kien ircieva cirkulari tal-procedura b'e mail minghand Alexia Vella li esebixxa bhala Dok CA u l-applikazzjoni ta' Victoria Spiteri li ezebixxa bhala Dok CA2.

Illi xehdet Alexia Vella fejn qalet illi kienu rcevew l-applikazzjoni ta' Victoria Spiteri, li kienet Mater Dei, fit-13 ta' Marzu 2018, biex tidhol f'dar tal-anzjani. L-applikazzjoni tghaddi l-SVP clinic biex ssir assesment taghha u jmexxu bl-admission skond il-prijorita. Peress li kien hemm prijorita wara li giet assessed dahlet Casa Serena, San Pawl il-Bahar. Hi kienet applikat ukoll ghal relocation. Kienet intalbet mill-pulizija il-file, u ghaddew il-file Dok DC12 *a fol.* 56, Dok CA1 li huwa standard operating procedure li nghata l-homes kollha fejn iridu jimlew zewg formoli u Dok CA2 hija relocation form tas-Sinjura Spiteri li saret fis-16 ta' April 2018. Hemm ukoll korrispondenza mal-occupational therapist li tiehu hsieb l-assesments tal-applikazzjonijiet ghal San Vincenz ma' Dok CA2. Din hija l-uniku procedura li hemm li tintuza anke f'kazijiet urgenti ghad-djar tal-gvern jew soddod li jkollu l-gvern f'dar privata. Sa fejn taf hi ma' kintix ghada saret it relocation ta' Victoria Spiteri. Fuq mistoqsija jekk re location kien jinvolvi l-flus, hi wiegbet illi zgur li le, din hija skema tal-kontribuzzjoni li jhallas l-anzjan.  Ix-xhud kkonfermat illi ma tafx minn hu John Bilocca.

Illi fit 28 ta' Frar 2019, xehed PC 1535 Sean Spiteri fejn qal li huwa stazzjonat Crimes Unit u kien prezenti fl-4 ta' Mejju 2018 fl-ufficju tal-Ispettur Yvonne Farrugia meta kien gie arrestat John Bilocca. Bilocca inghata d-dritt ta' avukat qabel l-intoragazzjoni, fejn kien irrifjuta u gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument li gie muri. L-imputat infurmahom li kien jiehu xi medicini u kienu haduh id-dar tieghu biex jiehu l-medicini u talabhom biex jiehu shower malajr. L-imputat ma' kellux preskrizzjoni tal-medicina u ghalhekk haduh il-polyclinic biex jinhareg preskrizzjoni peress illi l-*lock up* ma' jzommux persuni minghjar preskrizzjoni.

Illi xehdet Joanne Vassallo, Assistant Principal mad-Dipartiment tal-anzjani Qormi. Ix-xhud qalet illi kien mar il-kuntistabbli u talabha l-file

ta' Victoria Spiteri li kienet applikat biex tidhol f'*home*, u li kellhom fid-dipartiment, fejn ikkonfermat il-file mmarkat DC12 *a fol.* 56 u fuq istruzzjonijiet ta' l-Assitent Direttur Alexia Vella, ghadditlu l-file. Ix-xhid gharfet il-firma taghha fuq Dok DC11.

Illi fit-18 ta' Lulju 2019, xehed PC 878 Jurgen Muscat fejn qal illi fl-2018 kien stazzjonat fl-ufficju tal-Ispettur Yvonne Farrugia u fl-4 ta' Mejju 2018 John Bilocca, li gharaf fl-awla bhala l-imputat, kien mar volontarjament fl-ufficju tal-Ispettur fejn gie infurmat illi kien arrestat u inghata d-dritt tal-avukat li irrifjuta. Gie muri Dok DC7[1], li hija ircevuta ta' Iphone li kienet giet elevata minghand John Bilocca u Dok DC10[2] li hija l-istqarrija ta' John Bilocca li ittiehdet l-ghada fil-5 ta' Mejju 2018. Ix-xhud gie muri Dok YFX1, fejn ikkonferma li kien l-Iphone li kienu elevaw minn fuq John Baptist Bilocca dakinhar.

Illi xehdet ukoll Marisa Gauci li tahdem mal-Vodafone li pprezentat registration details tan-numru 79705749 li jghajjat lil Emilio Bilocca residenti Gudja mmarkat Dok MG1 li hija l-istess bhal dik immarkata Dok DC8 li tinsab *a fol.* 50. Huma kienu ircevew police request permess ta' e mail u ipprezentat CD mmarkat bhala DOK MGX1 b'l-informazzjoni tal-call profile li kienet ghaddiet lil Pulizija permess ta' e mail. Ix-xhud qalet illi huma jzommu din l-informazzjoni ghal 5 snin.

Illi xehdet l-iSpettur Yvonne Farrugia, fejn qalet illi fit-3 ta' Mejju 2018, kienet stazzjonata Reati Ekonomici u bdiet investigazzjoni rigward tentattiv ta' korruzzjoni wara allegazzjonijiet minn zewg persuni kontra John Baptist Bilocca, li kien jahdem bhala person of trust mal-Ministeru tas-Sahha. Hi kienet giet infurmata minn Carmen Ciantar, Chief of Staff tal-Ministeru tas-Sahha, li Joseph Howard li kien Head Customer Care tas-Segretarju Parlamentari ghall-Anzjani, kien infurmhom illi John Bilocca kien talab xi pagamenti minghand Vivienne Spiteri sabiex ommha, li kienet go Home f'San Pawl, tkun relocated ghal San Vincenz. Carmen Ciantar ghadditilha l-kuntratt li John Bilocca kellu mal-Ministeru tas-Sahha mmarkat DC1[3]. Hi tkellmet ma' Joseph Howard li qalilha li fis-16 ta' Marzu 2018, kienu qalulha li kienet ser tigi trasferrita minn Mater Dei, ghal *home* tal-anzjani u giet trasferita f'Casa Serena San Pawl il-Bahar u dan it-transfer sar fit-13 ta' April 2018. Fis 16 ta' April 2018, Emanuel

---

[1] Fol. 49
[2] Fol. 53
[3] Fol. 39

Tonna kien mar l-ufficju l-Belt fejn ipprezenta applikazzjoni ta' relocation ghal San Vincenz u waqt illi kien hemm, kien allega li biex tigi allokata kellu jhallas l-flus u kien irrabjat ghax hu kien penzjonant. Ghall-ewwel Tonna ma' riedx jikxef il-persuna u inghata appuntament iehor fit-23 ta' April 2018, fejn kien mar mal-partner tieghu Moira Coppola, bint Victoria, u meta gie ppressat qal illi John Bilocca mill-Gudja kien talab lil Moira biex flimkien ma' hutha thallas €600, sabiex ommha tkun trasferita ghal San Vincenz. Minn aktar informazzjoni minghand Howard, irrizulta li Bilocca jahdem mal-ministeru tas-sahha u meta ghamel certu stharrig mad-djar tal-anzjani, rrizulta li Bilocca kien cempel f'zewg okkazzjonijiet differenti biex jiccekja jekk kienx hemm sodod vojta. Il-file tal-anzjana kienet fil-fatt San Vincenz u kien qieghed jsir assesment biex jaraw kinitx eligibbli ghal San Vincenz. Ix-xhud kellmet lil Emanuel Tonna u Moira Coppola li kkonfermaw l-allegazzjoni u ffirmaw dikjarazzjoni. Emanuel Tonna qal illi peress illi l-*home* kienet San Pawl il-Bahar, huma xtaqu li tkun izjed vicin halli jkunu jistghu jzuruha u b'hekk beda jitkellem man-nies biex jgibha izjed vicin, fejn kienu ghaddewlu n-numru ta' Bilocca. Tonna kien cempillu diversi drabi u qallu bil-problema, u l-ewwel iltaqa' mieghu Mater Dei fejn kienu marru jaraw lil anzjana, izda meta sar jaf illi Tonna ma kienx relatat direttament ma' l-anzjana, hu talab illi jiltaqa' mal-familjari taghha u b'hekk ftehmu illi jmur mal-partner tieghu Moira Coppola vicin tad-dar tieghu l-Gudja. Dakinhar Bilocca kien talabhom €600, €150 kull wiehed minghand l-erba' ahwa. Coppola qalet illi huma mill-ewwel irrifjutaw li jhallsu dawn il-flus, ghax dan kien servizz tal-gvern. Fil-fatt marru jaghmlu l-applikazzjoni ghal relokazzjoni. Tonna qal illi hu kien ghamel kuntatt ma' Bilocca bil-mobile, izda meta ltaqghu l-Gudja, l-mobile tieghu kien minghajr batterija u kienu uzaw il-mobile ta' Coppola, l-partner tieghu. Kienu cemplulu biex jispjegalhom it-triq biex jaslu hdejn id-dar ta' Bilocca. Fl-4 ta' Mejju 2018, x-xhud baghtet ghal Bilocca wara mandat ta' arrest mmarkat bhala Dok DC2[4], Bilocca gie moghti d-drittijiet tieghu u d-dritt li jikkonsulta m' Avukat, fejn irrinunzja ghal dan id-dritt kif jidher f'Dok DC3[5], fejn qieghda taghraf il-firma taghha, ta' Bilocca u PC1535 u PS251. L-imputat gie arrestat u nterrogat fit-tul, fejn Bilocca innega li talab flus, u li xogholu mal-Ministeru tas-Sahha kien fil-customer care, u meta x-xhud urietu ritratti ta' Tonna u Coppola li qeghdin immarkati Dok DC 5 u DC6[6], qal illi ma' kienx jafhom. L-imputat kien irrilaxxa l-ewwel stqarrija, li ffirma fil-prezenza taghha,

[4] Fol. 43
[5] Fol. 44
[6] Fol. 47 u 48

PC1525 u PS 251 u li mmarkata bhala Dok DC4[7]. Meta gie arrestat kien ittiehed il-mobile tieghu Iphone griz, u nghata rcevuta Dok DC7[8] u li gie pprezentat fit-18 ta' Lulju 2018 mmarkat bhala Dok YFX1. In-numru li ndika li juza, huwa registrat fuq Emilio Bilocca t-tifel tal-imputat, izda John Bilocca kien jaghmel uzu minnu. Mill *call profiles* tal mobile tieghu, ix-xhud kienet qablithom man-numru ta' Tonna u Coppola li pprezent u mmarkat bhala Dok DC9[9], u x-xhud ikkonfrontat lil Bilocca b'din l-informazzjoni, fit-tieni stqarrija mmarkata Dok DC10[10], li kien iffirma fil-prezenza taghha u PC 878, fejn Bilocca kien innega li qatt ikkuntatja lil dawn il-persuni u li ma' kienx jafhom. Ix-xhud kompliet tghid illi kienet talbet lil Active Ageing and Community Care Department ghal file tal-anzjana Victoria Spiteri, li gie mghoddi lil PS251 fid-9 ta' Mejju 2018, l-applikazzjoni ghar-relokazzjoni[11], li saret fis-16 ta' April 2018, kienet giet ipprezentata minn Alexia Vella.

Illi xehed Keith Cutajar fejn qal illi fis-26 ta' Settembru 2019, gie mghoddi mobile phone, Dok YFX1, u l-ewwel inkarigu kien li johrog ritratti tal-imputat ma' xi figuri prominenti fil-politika, li dan huwa ddokumentat fir-rapport. It-tieni inkarigu kien sabiex jinhareg *call log* mal-mobile ta' Tonna u Coppola, izda hu ma' tantx sab informazzjoni hlief li kien hemm xi korrispondenza man-numru ta' Tonna, u dan ghaliex possibilment gew mhassrin u dan ghaliex il-mudell tal-mobile ma' jzommx din l-informazzjoni.

Illi xehed Matthew Fleri Soler, fejn ipprezenta Social Inquity Report fl-20 ta' Mejju 2021 u xehed illi m'hemmx aspetti problematici fil-hajja ta' l-imputat ghajr ghal fatt li jbati mill-ansjeta akuta u jinsab f'kuntatt ma' psikjatra sabiex jiddilja mas-sitwazzjoni tieghu. Ix-xhud kompla jghis illi l-imputat ghandu s-sostenn tal-familja, kif ukoll jghix hajja pjuttost stabbli.

Illi xehed Dr Anthony Zahra, fejn qal li l-ewwel kuntatt li kellu ma' John Bilocca kien f'Dicembru 2015 ghax qabel kien taht il-kura ta' psikjatra iehor. Kien fuq *medication* minhabba ansjeta u Impulse Control Disorder, li tfisser li persuna ggib ruhha b'mod li ma' tahsibhiex. Il-livell ta' kura

---

7 Fol. 45
8 Fol. 49
9 Fol. 52
10 Fol. 53
11 Fol. 102

baqghet l-istess, u l-andament kliniku baqa' stabbli. Fl-ahhar tlett snin kien mar lura ghax kien inkwetat hafna fuq il-kaz li ghandu l-Qorti, u l-ansjeta zvillupat hafna, tant li spicca rekluz fid-dar u jevita n-nies. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat qieghed jinghata l-kura ghaliha, biex inaqqas l-impulsivita u l-ansjeta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati **tat-tielet (3)** imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati **tat-tielet (3)** imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni **ghat-tielet (3)** imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati **ghat-tielet (3)** imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

**Ikkunsidrat**

Illi rigward **l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza**, il-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, hija konvinta illi dawn l-akkuzi ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

__**Decide**__

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lil imputat **mill-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni**, filwaqt li wara li rat Artikolu 7, 112 u 113 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati tat-tielet (3) imputazzjoni** migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija** li bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin millum**.

In oltre il-Qorti ai termini ta' l-**Artikolu 119** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tapplika l-piena ta' **interdizzjoni generali perpetwa** kontra l-hati John Baptist Bilocca.

Il-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha (4) snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat